VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,828, 11 ta' Novembru, 2011
Taqsima B

A.L. 455 tal-2011

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Ordni tal-2011 dwar Tibdil fir-Rata ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tat-Tieni Klassi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, għamlet dan l-ordni li ġej:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2011 dwar Tibdil fir-Rati ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tat-Tieni Klassi li jidħol fis-seħħ b'effett mit-3 ta' Jannar, 2011.

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA III

Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi
(Persuni li jimpjegaw lilhom infushom)

Kategorija	Xorta ta' persuna li timpjega lilha nnifisha	Rata ta' kontribuzzjoni fil-ġimgħa li titħallas minn persuna li timpjega lilha nnifisha
	Persuni li l-qligħ nett tagħhom fis-sena (b'esklużjoni ta' Benefiċċju ta' Maternità, *Allowance* tat-Tfal u kull benefiċċju *ex gratia* mħallas taħt l-artikolu 88 ta' dan l-Att) matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena ta' kontribuzzjoni li fiha titħallas il-kontribuzzjoni:	
SA	Ikun anqas minn €9,203	€ 26.55 jew 15% tal-qligħ nett jekk il-persuna hi mara li timpjega lilha nnifisha fuq bażi part-time u l-qligħ nett tagħha fis-sena ma jeċċedix € 9,203 (ara NOTA 1 isfel) ***jew*** €21.38 fil-kas ta' raħħal jew bidwi *full-time* li l-qligħ nett tiegħu ma jeċċedix €9,203.
SB	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-qligħ nett tagħhom jaqbeż €9,203 iżda ma jaqbiżx €17,175	L-ekwivalenti fil-ġimgha ta' 15% tal-qligħ nett tagħhom fis-sena kalkulat sa l-eqreb ċenteżmu ***jew*** l-ekwivalenti fil-ġimgha ta' 12% tal-qligħ nett fil-każ ta' bidwi jew raħħal *full-time* sa l-eqred ċenteżmu
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-qligħ tagħhom jaqbeż €9,203 iżda ma jaqbiżx €18,400	
SC	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-qligħ nett tagħhom jaqbeż €17,175	€ 49.54 ***jew*** €39.64 fil-kas ta' raħħal jew bidwi *full-time*
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-qligħ tagħhom jaqbeż €18,400 **(ara NOTA 2 isfel)**	€ 53.08 ***jew*** €42.46 fil-kas ta' raħħal jew bidwi *full-time*

NOTA 1: Jekk il-persuna tagħżel li tħallas kontribuzzjoni inqas mnn € 26.55 fil-ġimgħa, din ir-rata ta' kontribuzzjoni, fejn applikabbli, tista' tintitola lill-kontributur għall-benefiċċju jew pensjoni kontributorja b'rata imnaqqsa jekk dik il-persuna tikkwalifika għal benefiċċju jew pensjoni kontributorja.

NOTA 2: Bis-saħħa tal-Att XIX tal-2006 u l-Avviż Legali 336/06, li bihom daħlu fis-seħħ ir-riformi fil-pensjonijiet, id-dħul pensjonabbli għal persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara, mis-sena 2011 huwa garantit bl-ammont ta' €18,400. Għaldaqstant dan qed jiġi rifless f'żieda fl-ogħla rata ta' kontribuzzjoni pagabbli.